FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 22 ta' April , 2002

**Avviz Nru: 1406/01 PM**

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**Clement u Mary konjugi Bondin**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' elf, mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (LM1124.92c).

Ra r-risposta li fiha l-konvenuti qalu li l-ammont mhux dovut u jekk se mai hemm xi ammont dovut, il-konvenuta m'ghandhiex thallas l-ispejjez ghaliex l-izball kien tal-bank attrici.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra li fis-seduta tal-25 ta’ Frar, 2002, Dr David Camilleri ghall-konvenuti ddikjara li l-ammont ghadu dovut.

Dr Camilleri talab li kull parti ghandu jhallas l-ispejjez tieghu.

Illi mix-xhieda jirrizulta li l-konvenuta kienet accettat li taghti dan l-ammont lill-Bank, izda naqset li taghmel dan.  Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi wara li giet pprezentata l-kawza u wara li l-konvenuti ghamlu l-eccezzjonijiet, l-istess konvenuti ammettew li l-ammont ghadu dovut.

Illi ghalhekk, fic-cirkustanzi l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati li jhallsu l-ammont dovut ta’ elf, mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (LM1124.92c), bl-ispejjez u bl-imghax mit-12 ta’ Mejju, 2001.

**Av. Philip Manduca**

**Gudikatur**